ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

Kompetenzi

Ewlenin

| **ID-DISA' SENA** | **L-ISTORJA (ĠENERALI)** | **IL-ĦIN: 10 minuti** |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

**Ħares lejn dawn l-istampi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Tema 1**

1. X'jisimha l-belt li tidher fl-ewwel stampa? (1)

2. Għaliex din il-belt inbniet b'toroq twal u dritti, fil-forma ta' gradilja? (2)

3. Fil-pjanta tal-belt jidher il-Mandraġġ imdawwar b'ċirku. Semmi żewġ punti dwar il-Mandraġġ. (2)

4. Fit-tieni stampa naraw il-Palazz tal-Gran Mastru. Għaliex dan il-bini kien importanti fi Żmien il-Kavallieri? (2)

5. Kif jintuża dan il-Palazz illum? (2)

**(Total: 9 marki)**

**Tema 2**

6. Għaliex l-Imdina nbniet fuq għolja f'nofs Malta? (2)

7. Għaliex inbnew is-swar madwar l-Imdina? (2)

8. Liema minn dawn in-nies kont issib jgħixu l-aktar fl-Imdina? (bdiewa, raħlin, nobbli) (1)

9. Kif baqa' magħruf l-akbar ħbit li sar fuq il-Birgu mit-Torok fl-1565? (1)

10. Fl-istampa jidher il-Birgu mdawwar b'ċirku. Għaliex il-Kavallieri għażlu li jmorru joqogħdu l-Birgu meta waslu Malta? (2)

11. X'tissejjaħ il-Forti li tinsab fil-ponta tal-Birgu? (1)

**(Total: 9 marki)**

**Tema 3**

12. Semmi żewġ xogħlijiet li kienu jagħmlu l-Maltin fuq ix-xwieni tal-Kavallieri. (2)

13. X'taħseb li qed jiġri fit-tieni sors fejn hemm pittura ta' Żmien il-Kavallieri? (2)

14. Xi tradizzjoni qed tara fit-tielet sors u f'liema festa għada ssir din it-tradizzjoni? (2)

15. Semmi mod ieħor kif kienu jiddevertu l-Maltin fi Żmien il-Kavallieri. (1)

**(Total: 7 marki)**
**Total tal-Karta: 25 marka**